MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2010

Avviz Numru. 60/2009

**Galea Insurance Brokers Ltd**
**(C – 12858)**

**vs**

**Island Ferry Three Company Limited**
**(C – 11944)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghal-hlas ta’ hamest elef, mija u tmintax-il ewro (€5,118) rapprezentanti valur ta’ poloz ta’ assikurazzjoni mhux imhalsa li s-socjeta’ konvenuta ordnat u rceviet minghand is-socjeta’ attrici.

Wara li rat in-Nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b’hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Artikoli 698 u 702 (3) (b) Procedura Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fid-9 ta' Gunju, 2010 meta gew ppresentati l-Kapitoli u lanqas illum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, mija u tmintax-il ewro (€5,118) bl-imghax legali mit-23 ta' Frar, 2009 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjez ta' din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------